2023/2492

17.11.2023

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2492

tal-15 ta' Novembru 2023

li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċerta nefqa mġarrba mir-Renju Unit fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

(notifikata bid-dokument C(2023) 7606)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52 tiegħu, flimkien mal-Artikoli 131 u 138 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni għandha twettaq il-verifiki meħtieġa, tikkomunika lir-Renju Unit ir-riżultati ta' dawk il-verifiki, tieħu nota tal-kummenti pprovduti mir-Renju Unit, tibda diskussjoni bilaterali sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim u tikkomunika formalment il-konklużjonijiet tagħha lir-Renju Unit.

(2) Ir-Renju Unit kellu l-opportunità jitlob li titnieda proċedura ta' konċiljazzjoni. Din l-opportunità ma ntużatx.

(3) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, tista' tiġi ffinanzjata biss nefqa agrikola li tkun iġġarrbet b'tali mod li ma jkunx inkiser id-dritt tal-Unjoni.

(4) Fid-dawl tal-verifiki li twettqu u tal-eżitu tad-diskussjoni bilaterali, parti min-nefqa li ddikjara r-Renju Unit ma tissodisfax dan ir-rekwiżit, u għalhekk ma tistax tiġi ffinanzjata fil-qafas tal-FAEŻR.

(5) Jenħtieġ li jiġu indikati l-ammonti li mhumiex rikonoxxuti bħala ammonti li jistgħu jitħallsu mill-FAEŻR. Dawk l-ammonti mhumiex marbutin man-nefqa mġarrba aktar minn erbgħa u għoxrin xahar qabel in-notifika bil-miktub tal-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-verifiki lir-Renju Unit.

(6) Jenħtieġ li l-ammonti eskluži mill-finanzjament tal-Unjoni skont din id-Deċiżjoni jqisu wkoll kull tnaqqis jew sospensjoni f'konformità mal-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 minħabba li tali tnaqqis jew sospensjonijiet huma ta' natura provviżorja u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li jittieħdu skont l-Artikoli 51 jew 52 ta' dak ir-Regolament.

(7) Rigward il-każijiet koperti minn din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju Unit dwar il-valutazzjoni tal-ammonti li jridu jiġu eskluži minħabba nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni, permezz ta' rapport ta' sinteżi li nħareġ dwar is-suġġett ([2]).

(8) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax il-konklużjonijiet finanzjarji li tista' tasal għalihom il-Kummissjoni abbażi tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'kawżi pendenti fis-17 ta' Awwissu 2023,

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.
([2]) Ares(2023)6489779

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammonti stabbiliti fl-Anness li huma marbutin man-nefqa li ġarrbu l-aġenziji tal-pagamenti akkreditati tar-Renju Unit u li ġew iddikjarati fil-qafas tal-FAEŻR għandhom jiġu eskluży mill-finanzjament tal-Unjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Korrezzjonijiet Finanzjarji

FAEŻR

Korrezzjonijiet finanzjarji — eskluża l-kundizzjonalità

Partita tal-Baġit: 6201

Stat Membru	Miżura	SF	Raġuni	Tip	% ta' Korrezzjoni	Munita	Ammont Gross	Tnaqqisiet	Nett Deċiż
Renju Unit	Miżuri ta' Żvilupp Rurali tal-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2019	Nuqqas ta' sistema ta' sanzjonijiet 2019	RATA FISSA	10,00%	EUR	– 196 923,19	– 75,57	– 196 847,62
	Miżuri ta' Żvilupp Rurali tal-FAEŻR li huma soġġetti għas-SIAK	2021	Nuqqas ta' sistema ta' sanzjonijiet 2021	RATA FISSA	10,00%	EUR	– 89,00	0,00	– 89,00
	Approvazzjoni tal-Kontijiet - Approvazzjoni Finanzjarja	2021	Kontrolli amministrattivi SF2021	TA' DARBA		EUR	– 663 520,79	0,00	– 663 520,79
	Approvazzjoni tal-Kontijiet - Approvazzjoni Finanzjarja	2020	Żbalji finanzjarji u magħrufa individwati mis-CB SF2021	TA' DARBA		EUR	– 27 534,76	0,00	– 27 534,76
	Approvazzjoni tal-Kontijiet - Approvazzjoni Finanzjarja	2021	Żbalji finanzjarji u magħrufa individwati mis-CB SF2021	TA' DARBA		EUR	– 7 364,51	0,00	– 7 364,51
					Total għar-Renju Unit:	**EUR**	**– 895 432,25**	**– 75,57**	**– 895 356,68**

Munita	Ammont Gross	Tnaqqisiet	Nett Deċiż
EUR	– 895 432,25	– 75,57	– 895 356,68

Korrezzjonijiet Finanzjarji		Total Nett Deċiż
FAEŻR	**Korrezzjonijiet finanzjarji - eskluża l-kundizzjonalità**	**– 895 356,68**
TOTAL:		**– 895 356,68**

Rimborżi	Total Nett Deċiż
TOTAL:	**0,00**

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2492/oj